REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 661/2011

tat-8 ta' Lulju 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart lejn pajjiżi li mhumiex fl-OECD

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart ([1]), u b'mod partikolari t-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati,

Billi:

Il-Kummissjoni rċeviet aktar tagħrif li jikkonċerna lill-Bosnja-Ħerzegovina u lill-Malasja. L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 ([2]) għandu għalhekk jiġi emendat biex dan jikkunsidrah,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 hu emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-14-il jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6.

ANNESS

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni għall-Bosnja-Ħerzegovina tinbidel b'dan li ġej:

"**Il-Bosnja-Ħerzegovina**

(a)	(b)	(c)	(d)
			Minn B1010: — Ruttam tal-ħadid u tal-azzar — Ruttam tar-Ram — Ruttam tal-Aluminju — Ruttam taż-Żingu — Ruttam tal-Landa
			Minn B1020: — Ruttam taċ-ċomb (imma li jeskludi l-batteriji tal-aċidu taċ-ċomb)
			B1050
			B1090
			B1100: — Fdalijiet ta' landa imdewba li fiha t-tantalu li jkun fihom inqas minn 0,5 % landa
			Minn B1120: — Metalli ta' Transizzjoni, minbarra katalisti ta' skart (katalisti eżawriti, katalisti likwidi u katalisti oħra) li huma fil-lista A Skandju Vanadju Manganiż Kobalt Ramm Ittriju Nijobju Afnju Tungstenu Titanju Kromju Ħadid Nikil Żingu Żirkonju Molibdenu Tantalu Renju
			B1130
			B2020

(a)	(b)	(c)	(d)
			B3010
			B3020
			B3050
			B3065
			B3140
			GC 020”

(2) L-annotazzjoni għall-Malasja dwar il-kodiċi tal-iskart GH013 tinbidel b'dan li ġej:

“**il-Malasja**

(a)	(b)	(ċ)	(d)
			GH013 3915 30 ex 390410-40”